MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2015

Talba Numru. 688/2014

**GO plc (C-22334)**

**Vs**

**Sharon Margaret Hibbert (K.I.34046A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tas-Socjeta' attrici datat 01 t'Ottubru, 2014 fejn iddikjaraw illi:

L-konvenuta ghandha thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€694.06c) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta'

kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40161917 moghtija mis-Socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 – estratt mir-Registru Elettorali, u Dok IZY4 – kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa huwa ngunt in Subizzjoni.

Ra l-verbal datat 05 ta' Mejju, 2015 fejn thalliet ghas-Sentenza.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-ligi, u lanqas ma deheret ghad-diversi seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti kollha nkluz l-*invoice* dok IZY1.

Sema' x-xhieda ta' Simone Wightman li kkonfermat li l-ammont ta' sitt mija u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€694.06c) ghadu dovut u li ma sar ebda pagament.

Illi fic-cirkostanzi t-Tribunal ihoss illi t-talba giet sufficjentament ippruvata u l-ammont ghadu dovut.

Ghaldaqtstant jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba fl-ammont ta' sitt mija u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€694.06c) bl-imghax u bl-ispejjes hekk kif indikati fl-avviz tat-talba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------